MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 95/2008/1

**Richard Curmi u Antonia Curmi**

**v.**

**Liaco Limited (C 9805)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li l-atturi pprezentaw fl-1 ta' Frar 2008 u li jaqra hekk:

"1. Illi permezz ta' ftehim datat 15 ta' Marzu 2005 (Dok. RC1) ir-rikorrent xtara minghand is-socjeta` intimata l-vettura gdida tal-marka Subaru Impreza ghall-prezz ta' ghaxart elef u hames mitt Lira Maltin (Lm10,500) ekwivalenti ghal erbgha u ghoxrin elf, erba' mija u tmienja u hamsin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€24,458.42);

"2. Illi l-imsemmija vettura giet irregistrata ma' l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta fit-2 ta' Awwissu 2005 bin-numru tar-registrazzjoni GSC 789 u wara xi gimgha twasslet ghand ir-rikorrenti;

"3. Illi l-imsemmija vettura hija koperta b'garanzija kummercjali li fit-termini taghha s-socjeta` intimata tiggarantixxi li l-vettura ghandha tibqa' hielsa mid-difetti ghal perjodu ta' tliet snin; (Dok. RC2)

"4. Illi ftit zmien wara l-kunsinna tal-vettura lir-rikorrenti rrizulta li l-karozza ma kinitx qed tiffunzjona tajjeb u kien jidher li ma kinitx qed taccellera kif mistenni u f'xi mumenti ma kinitx qed tiehu gas fuq l-ebda gear.

"5. Illi kif induna b'dawn il-problemi teknici fil-vettura, ir-rikorrenti kien mar ghand is-socjeta` intimata u nfurmaha b'dan kollu u baqa' jmur ta' spiss jilmenta dwar dawn il-problemi;

"6. Illi sussegwentement is-socjeta` intimata talbet lir-rikorrenti sabiex idahhal il-vettura fil-*workshop* taghha sabiex tigi ndividwata l-kawza ta' dawn il-problemi teknici u saru diversi testijiet fuq medda ta' diversi xhur sabiex jigi stabbilit id-difett li fiha l-vettura;

“7. Illi minkejja li saru diversi testijiet u tiswijiet fuq il-vettura mis-socjeta` intimata, il-vettura ghadha ma tiffunzjonax tajjeb u s-socjeta` intimata ghadha mhix f’pozizzjoni li tghid x’inhi l-kawza ta’ dawn il-problemi teknici;

“8. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kien talab lis-socjeta` intimata sabiex il-vettura tigi rimpjazzata izda s-socjeta` intimata dejjem insistiet mar-rikorrenti li l-vettura kellha tissewwa u li seta’, fil-frattemp, jibqa’ juza l-vettura minghajr ma din issirilha hsara;

“9. Illi fil-frattemp ir-rikorrenti baqa’ jmur regolarment ghand l-istabbiliment tas-socjeta` intimata biex isiru dawk is-*services* perjodici skond kif indikat fit-termini tal-*manufacturer’s guarantee;*

“10. Illi s-socjeta` intimata giet interpellata diversi diversi drabi sabiex tissostitwixxi l-vettura b’ohra tal-kwalita` pattwita jew li tirrixxindi l-kuntratt ta’ kompro vendita u tirrifodni l-prezz imhallas, inkluz permezz ta’ ittra ufficjali datata 2 ta’ Awwissu 2007 (Dok. RC3);

“11. Illi minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex tirregola l-pozizzjoni taghha, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

“12. Illi kontestwalment ma’ dan ir-rikors l-imsemmija vettura giet iddepozitata taht l-awtorita` ta’ din l-Onorabbli Qorti;

“13. Illi ghalhekk kella ssir din il-kawza.

“Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata naqset li tonora l-obbligi assunti minnha fil-kuntratt ta’ komprovendita tal-15 ta’ Marzu 2005 inkwantu jirrizulta li l-vettura tal-marka Subaru Impreza bin-numru tar-registrazzjoni GSC 789 mhiex hielsa mid-difetti skond kif pattwit fil-*manufacturer’s guarantee* li tifforma parti integrali mill-imsemmi kuntratt ta’ komprovendita.

"2. Tannulla u thassar l-imsemmi kuntratt ta' komprovendita datat 15 ta' Marzu 2005 minhabba n-nuqqas ta' twettieq tal-obbligazzjoni assunti mis-socjeta` intimata.

"3. Tordna lis-socjeta` intimata tiehu lura l-vettura tal-marka Subaru Impreza bin-numru tar-registrazzjoni GSC 789 u tirrifondi lir-rikorrenti l-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf, erba' mija u tmienja u hamsin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€24,458.42) u kwalsiasi spejjez ohra inkorsi mir-rikorrenti."

"Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Awwissu 2007 u bl-interessi legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. L-ewwel talba, kif formulata, ma tistax tintlaqa ghaliex mhuwiex minnu illi l-konvenut naqas mit-twettieq tal-obbligazzjonijiet assunti fil-kuntratt tal-15 ta' Marzu 2005.

"2. Illi, it-tieni talba, kif formulata ma tistax tintlaqa ghaliex mhuwiex minnu illi l-vettura Subaru Impreza bin-numru ta' registrazzjoni GSC 789 mhiex hielsa minn difetti.

"3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju huwa risaput illi sabiex difett mohbi jaghti dritt lill-bejjiegh sabiex jezercita l-*actio redhibitoria* irid ikun tali li jaghmel il-haga mibjugha mhux tajba ghall-uzu li ghaliha hija mahsuba u difett ta' din ix-xorta ma jirrizultax fil-kaz odjern.

> “4. Illi l-garanzija ma nghatax mill-konvenuta imma nghatat minn terzi kif ser jigi spjegat fil-kors tal-kawza.

> “5. Illi inoltre anki jekk it-talba attrici tigi milqugha, l-esponenti m’ghandha tbati ebda spejjez tal-kawza.”

Rat is-sentenza li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Novembru 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

> “15. … … tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta u tilqa’ t-talbiet tal-atturi: tgħid illi l-konvenuta naqset milli twettaq l-obbligazzjonijiet li ntrabtet bihom fil-kuntratt ta’ bejgħ tal-vettura tal-15 ta’ Marzu 2005 billi l-vettura ma hijiex ħielsa mid-difetti kif miftiehem fil-*manufacturer’s guarantee*; għalhekk tħassar il-kuntratt tal-15 ta’ Marzu 2005, tordna lill-konvenuta tieħu lura l-vettura u tikkundannaha trodd lill-atturi l-prezz ta’ erbgħa u għoxrin elf, erba’ mija u tmienja u ħamsin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€24,458.42) flimkien mal-imgħaxijiet relativi minn dakinhar li kien tħallas il-prezz mill-atturi sakemm jintradd mill-konvenuta.

> “16. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas ukoll l-ispejjeż kollha mitluba fir-rikors.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “8. Sabiex tara qabel xejn jekk il-vettura tassew għandhiex difetti l-qorti b’dikriet tat-13 ta’ Marzu 2009 ħatret espert tekniku . Dan, wara li sema’ x-xhieda flimkien mal-qorti u saq u eżamina l-vettura, irrelata fil-11 ta’ Diċembru 2009 u qal illi “l-vettura verament għandha difett li kawża tiegħu l-makna ma tibqax tiġbed għat-telgħa” u illi “dan id-difett jirrendi lil din il-karrozza fi stat li ma tistax tintuża fit-triq sakemm ma jinsabx dan id-difett u jiġi eliminat”.

"9. Il-qorti, wara li qieset sew ix-xiehda u r-rapport tal-perit, u semgħat ukoll it-tweġibiet li ta l-perit waqt l-eskussjoni, hija tal-fehma illi għandha toqgħod fuq din il-konklużjoni tal-perit. Wara li qieset ukoll illi mix-xiehda ħareġ illi l-konvenuta kemm-il darba fittxet li ssewwi d-difett iżda għalxejn, tifhem illi d-difett ma jistax jiġi eliminat. Il-vettura għalhekk ma hijeix tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, *i.e.* illi tinstaq fit-triq, kemm fil-wita, kemm fl-inżul u kemm fit-tlajja'.

"10. L-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-konvenuta huma għalhekk ħżiena, u huma miċħuda.

"11. Il-konvenuta tgħid ukoll fir-raba' eċċezzjoni illi l-garanzija ma torbotx lilha iżda lill-*manufacturer*. Il-kuntratt sar bejn l-atturi u l-konvenuta, il-ħlas sar lill-konvenuta u l-garanzija stess, fl-ewwel paragrafu tagħha, tiftaħ bil-kliem "*Liaco Limited (Subaru Malta) warrants that your new Subaru is free from defect in material and workmanship … … …*". Ir-raba' eċċezzjoni, għalhekk, hija miċħuda.

"12. Il-konvenuta tgħid ukoll illi saru alterazzjonijiet mhux awtorizzati – bdil tat-*tyres* – li ħassru l-garanzija. Mhux kull bidla fil-vettura tħassar il-garanzija, iżda biss jekk il-bidla tkun il-kawża ta' ħsara. L-espert tekniku fisser li ma hemm ebda rabta bejn id-difett fil-makna u l-bdil tat-*tyres*. Din l-eċċezzjoni wkoll għalhekk hija miċħuda.

"13. Fl-aħħarnett il-konvenuta tgħid illi, ukoll jekk it-talbiet tal-atturi jintlaqgħu, hi xorta ma għandhiex tbati spejjeż.

"14. Din is-sottomissjoni hija assurda. Il-kawża kienet meħtieġa għax il-konvenuta ma riditx tara dak li kien ovvju – illi l-vettura kienet ħażina – u fittxet li taħrab mill-obbligazzjonijiet tagħha. Il-konvenuta għalhekk għandha tħallas l-ispejjeż kollha."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

> "… … thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-tletin (30) ta' Novembru 2010 fil-kawza fl-ismijiet **"Richard Curmi u Antonia Curmi vs Liaco Limited"** (Rik. Nru. 95/2008 GCD) fuq riferita, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti appellati."

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, issottomettew li:

> "… … l-appell interpost mis-socjeta` appellanti ghandu jigi michud u s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellanti."

Rat illi f'dan l-istadju tal-appell is-socjeta` konvenuta ssollevat eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li l-atturi xtraw minghand id-ditta konvenuta Subaru Impreza u dan fil-15 ta’ Marzu 2005, u anqas minn xahar wara bdew jinnutaw illi l-vettura ma kinitx qed tiffunzjona tajjeb. L-atturi hadu l-vettura diversi drabi ghand is-socjeta` konvenuta li tghid li ghamlet minn kollox biex tipprova tirranga d-difetti li gew riskontrati fiha, izda kien kollox ghal xejn. Meta raw li l-karozza kienet u baqghet diffettuza, talbu li jinghataw wahda gdida, izda s-socjeta` konvenuta ma rieditx u saret din il-kawza. L-ewwel Qorti sabet favur l-atturi, u ordnat lis-socjeta` konvenuta tiehu lura l-vettura inkwistjoni, u trodd lura l-prezz imhallas ghaliha.

Is-socjeta` konvenuta appellat mis-sentenza u osservat li l-azzjoni attrici, li hi ddeskriviet bhala li hi l-azzjoni redhibitorja, hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili (sitt xhur minn dakinhar tal-kunsinna jew minn dakinhar li x-xerrej seta’ jikxef id-difett), u f’kull kaz ma tistax tirnexxi ghax ma giex ippruvat li d-difetti kienu pre-ezistenti l-bejgh. Tghid ukoll li jekk l-azzjoni hi bazata fuq il-garanzija tal-manufattur, din ma tistax twassal ghar-rexissjoni tal-bejgh.

Trattat l-appell, din il-Qorti tosserva illi l-azzjoni tal-atturi ma hijiex dik redhibitorja, izda wahda imsejsa fuq il-garanzija moghtija lilhom mal-bejgh. Hu maghruf li, f’kaz ta’ bejgh, ir-rimedju legali disponibbli lix-xerrej huma dawk biss specifici li taghti l-ligi taht l-istitut ta’ bejgh (salv rimedji specjali moghtija

lix-xerrej – konsumatur taht il-ligi relattiva). Il-partijiet, pero`, jistghu jestendu jew izidu mar-rimedji legali bi ftehim appozitu. Hekk sar f'dan il-kaz, meta mal-bejgh l-atturi inghataw garanzija specifika li biha s-socjeta` konvenuta ggarantiet li l-vettura *"can be expected to remain defect free for at least three (3) years from the date of new vehicle registration"*, li, f'dan il-kaz, sehhet fit-2 ta' Awwissu 2005. L-azzjoni attrici m'hijiex l-*actio redhibitoria*, izda dik ibbazzata fuq din il-garanzija u kwindi l-aggravji tas-socjeta` appellanti relatati mal-preskrizzjoni u mal-ezistenza o meno tal-kundizzjonijiet tal-azzjoni qeghdin jigu michuda.

Fil-kuntest tal-azzjoni attrici kif proposta, din il-Qorti tara' li s-socjeta` konvenuta obbligat ruhha li tara li l-karozza tkun bla difetti ghal tal-anqas tliet snin. Intrabtet li hi *"will make the necessary repairs, using new or remanufactured parts with a view to correcting any defect covered by this warranty".* Is-socjeta` konvenuta ma onoratx dan l-obbligu. Jirrizulta li l-karozza ghandha difett serju b'mod li ma tistax tintuza fit-triq, u dan peress li minhabba dan id-difett il-magna taghha ma tibqax tigbed ghat-telgha. Il-karozza ddahlet diversi drabi ghand is-socjeta` konvenuta sabiex jinstab u jigi eliminat dan id-difett. Intwera li l-*performance* tal-vettura kien abnormali, u ghalkemm gie rikonoxxut li l-karozza fiha difett, ma nstabet ebda soluzzjoni. Kellhom ukoll jingiebu xi partijiet minn barra, izda nonostante l-hafna xoghol li sar fuqha, ma nstabx tarf id-difett li kellha.

Fid-dawl ta’ dan, hu ovvju li s-socjeta` konvenuta kisret il-garanzija li tat lill-atturi ghax ma kinitx kapaci zzomm il-vettura minghajr difetti. La darba din is-socjeta` konvenuta hija hatja ta’ ksur ta’ kuntratt, a bazi tar-regoli generali li jirregolaw il-kuntratti, l-atturi ghandhom dritt jitolbu t-thassir tal-istess kuntratt a bazi tal-kundizzjoni rizoluttiva sottintesa f’kull kuntratt bilaterali. Mal-bejgh li sar, il-partijiet dahlu f’relazzjoni reciproka, bil-bejjiegh jobbliga ruhu li jzomm il-vettura hielsa minn difetti ghal tliet snin. Il-bejjiegh, b’mod lampanti, naqas minn din l-obbligazzjoni tieghu, u l-parti l-ohra, allura, hija intitolata li titlob il-hall tal-kuntratt, skont kif jippermetti l-Artikolu 1069(1) tal-Kodici Civili. L-effett tal-garanzija hu li tipprovdi <u>rimedji kontrattwali</u> li qablu bejniethom il-partijiet, u n-nuqqas tas-socjeta` konvenuta li tonora l-ftehim, jintitola lill-atturi jitolbu li l-kuntratt jithassar.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u tichad l-istess appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mis-socjeta` konvenuta appellanti u peress li tqis dan l-appell bhala wiehed fierah u vessatorju, tikkundanna lill-appellant sabiex, ai termini tal-paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, ihallas ukoll, bhala spejjez addizzjonali, is-somma ta’ elf Euro (€1,000) lir-Registratur tal-Qrati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------